MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1479/2000/1

**Alfred Cuschieri u martu Josephine Cuschieri**

***Versus***

**Anthony Zammit**

Din il-kawża hija dwar ħabta bejn karrozza u mutur li seħħet fl-4 t'April 1999 fit-telgħa li minn Baħar iċ-Ċagħaq tagħti lejn Saint Andrews.

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi jgħidu illi dakinhar għal xi s-7.30 *p.m.* l-attur kien għaddej bil-karrozza tiegħu targata DAN 157, sejjer lejn San Ġiljan, u l-konvenut kien għaddej warajh, sejjer fl-istess direzzjoni, fuq mutur targat XXX 011. F'ħin minnhom, meta l-attur kellu l-*indicator* mixgħul biex juri li kien ser idur lejn il-lemin, f'post fejn din il-manuvra setgħet issir, il-mutur baqa' dieħel b'veloċità qawwija fil-karrozza ta' l-attur u, bid-daqqa tal-ħabta, għamlilha ħsara li ma tissewwiex ekonomikament, għax titla' għal aktar minn erbat elef, mitejn u tmienja u sittin lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm4,268.41).

Billi l-atturi huma tal-fehma illi l-ħtija hija tal-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejħulu b'ittra uffiċjali biex jagħmel tajjeb għad-danni, huma fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-ħtija hija tal-konvenut waħdu, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut iħallashom id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra interpellatorja tat-3 ta' Novembru 1999 u ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 2000.
Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-ħtija ma kinitx tiegħu iżda ta' l-atturi, u illi, f'kull każ, id-danni msemmija mill-atturi huma esaġġerati.
B'dikriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2003 il-qorti ordnat illi x-xhieda mogħtija fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 745/2001 titqies f'din il-kawża wkoll.
L-inċident seħħ hekk:
L-attur kien tiela' t-telgħa li minn Baħar iċ-Ċagħaq tiegħu lejn Saint Andrews. It-traffiku fit-telgħa kien f'żewġ fillieri. Ftit qabel ma wasal biswit id-daħla tat-triq li tagħti għall-Madliena, xegħel l-*indicator* u, wara li ra li ma kienx ġej traffiku mill-faċċata, beda jikser lejn il-lemin biex jidħol f'dik it-triq. Dak il-ħin kien ġej minn warajh il-konvenut fuq mutur. Il-konvenut kien għadu kif qabeż żewġ vetturi oħra u għalhekk l-*indicator* ta' l-attur ma setax jarah qabel ma kien tard wisq, u baqa' dieħel fil-ġenb tal-lemin tal-karrozza ta' l-attur.
Il-karrozza ntlaqtet fin-nofs tal-lemin sal-parafangu ta' quddiem, u l-mutur kellu ħsara fuq quddiem. Bis-saħħa tal-ħabta, parti mill-furketta tal-mutur inkisret u baqgħet imwaħħla mar-*running board* tal-karrozza. Bid-daqqa wkoll il-konvenut inbeżaq mill-mutur, intefa' fuq ħajt mal-ġenb tat-triq u spiċċa ma' l-art. Korra sew u għamel xi żmien l-isptar.
L-inċident għalhekk seħħ għax fl-istess waqt illi l-attur kien qiegħed jikser lejn il-lemin biex jidħol fi triq fil-ġenb, il-konvenut kien qiegħed jissorpassah, ukoll fuq il-lemin.
Qabel ma għamlu l-manuvri rispettivi tagħhom, iż-żewġ partijiet kienu fid-dmir illi jaraw illi dawk il-manuvri setgħu jagħmluhom u jtemmuhom mingħajr ma joħolqu perikolu għalihom infushom u għal ħaddieħor.
L-attur xehed illi qabel ma kiser lejn il-lemin kien qrib il-linja tan-nofs u kien ilu tul sew qrib in-nofs tat-triq. Ix-xhud

Brian Grech, iżda, xehed mod ieħor[1]. Grech kien aktar 'l isfel, lejn ix-xellug tat-triq; quddiemu kien hemm żewġ vetturi ġenb ma' ġenb, u quddiem dawn, lejn ix-xellug, skond Grech, kien hemm l-attur. F'ħin minnhom l-attur lewa mix-xellug lejn il-lemin, u minħabba f'hekk dak ta' quddiem Grech kellu jieqaf f'salt, u Grech kellu jieqaf ukoll.

Il-qorti tifhem illi dak li kien wara l-attur iżda fuq il-lemin tiegħu kellu jieqaf jekk l-attur qasam quddiemu, iżda ma tifhimx għala kellu jieqaf ukoll dak li kien fuq ix-xellug, quddiem Grech, ladarba l-attur meta kiser lejn il-lemin telaq minn quddiemu u ma setax ikunlu ta' ostakolu. Għal din ir-raġuni, ix-xhieda ta' Grech ma tagħmilx wisq sens, u l-qorti ma tħossx illi tista' toqgħod fuqha, u, minflok, temmen lill-attur meta dan qal illi kien qrib il-linja tan-nofs.

Grech xehed ukoll illi s-sewwiq tal-karrozza ma kienx l-attur iżda martu, l-attriċi. Dwar dan ukoll, il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex toqgħod fuq ix-xhieda ta' Grech, u temmen lill-atturi meta qalu illi s-sewwiq kien l-attur.

Biex tneħħi d-dubji li setgħet ħolqitilha x-xhieda ta' Grech, il-qorti, flok tat is-sentenza meta kellha tagħtiha fl-1 ta' Frar 2005, reġgħet sejħet lill-atturi biex jixhdu. L-atturi, għalkemm magħfusa, komplew iżommu l-verżjoni tagħhom, u l-qorti hija tal-fehma illi għandha temminhom.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti ma tarax illi l-attur naqas mid-dmir tiegħu. Huwa beda l-manuvra minn qrib il-linja tan-nofs u ta s-sinjal tal-ħsieb tiegħu sew qabel ma beda jilwi. Ladarba kien qrib il-linja tan-nofs, ma setax raġonevolment jobsor illi kien sejjer jaqbżu xi ħadd mil-lemin tiegħu. Għalhekk in-nuqqas tiegħu li jħares fil-mera, fiċ-ċirkostanzi tal-kawża tallum, ma hux ta' wisq importanza.

Il-konvenut, min-naħa l-oħra, mhux biss kien qed iġerri wisq — kif tixhed il-vjolenza tal-ħabta, fejn il-*momentum* kien kollu minħabba l-veloċità tal-konvenut, li kien ġej minn wara l-attur u fl-istess direzzjoni — iżda wkoll, billi fittex li jissorpassa aktar minn vettura waħda fl-istess manuvra, beda l-manuvra meta kien għadu ma setax jara sew il-vetturi kollha li kellu jaqbeż biex itemm il-manuvra

[1] Ara x-xhieda ta' Brian Grech fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 745/2001.

— kif jixhed il-fatt illi l-*indicator* ta' l-attur ma rahx ħlief meta kien tard wisq — u għalhekk meta beda l-manuvra ma setax ikun jaf setax itemmha bla ma joħloq perikolu. Kompla żied il-perikolu għax il-manuvra għamilha f'ħin meta kien hemm volum x'aktarx qawwi ta' traffiku, tant illi kien għaddej f'żewġ fillieri, u għalhekk kellu jaqbeż żewġ fillieri ta' karrozzi. Fl-ispazju issikkat li kellu bejn żewġ vetturi fuq ix-xellug tiegħu u l-linja tan-nofs fuq il-lemin, ma ħalliex lilu nnifsu spazju ta' manuvra biżżejjed meta tqis il-veloċità għolja li kien għaddej biha.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-ħtija hija kollha tal-konvenut, kemm għax għamel manuvra ta' sorpass bla ma ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, u wkoll minħabba sewqan żejjed.

Ngħaddu issa għal-likwidazjoni tad-danni.

L-atturi wrew bi stima[2] illi l-ispejjeż biex tissewwa l-vettura tagħhom jitilgħu għal erbat elef, mitejn u tmienja u sittin lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm4,268.41). Xehdu wkoll iżda illi t-tiswijiet ma għamluhomx għax il-karrozza hija "*beyond economical repair*". Dan ifisser illi t-tiswijiet jiswew aktar milli kienet tiswa l-karrozza qabel l-inċident, u, jekk l-atturi jingħataw bħala danni kemm kienu jiġu jiswew it-tiswijiet, ikunu qegħdin jistagħnew.

Ma tressqitx xhieda dwar kemm kienet tiswa l-karrozza qabel l-inċident. Il-qorti għalhekk, wara li qieset illi l-karrozza kienet ilha fit-triq xi erba' snin[3], tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3,800).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut, tillikwida d-danni ta' l-atturi fis-somma ta' tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3,800) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---

2 *Fol*. 88.

3 *Fol*. 114 fl-atti tac-citazzjoni 745/2001.

---------------------------------TMIEM---------------------------------